MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2015

Numru. 700/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jonathan Ferris]**

**vs**

**Biagio La Cognata**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Biagio La Cognata detentur tal-karta tal-identita` numru 35962(A).

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, bejn Novembru 2012 u Jannar 2013:

> Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, s-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju ghad-dannu ta' SB Installations u/jew Silvio Bartolo ID 368578M u/jew Alexander Bonnici ID 487970M

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(b), 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li llum il-gurnata l-imputat hallas dak kollox li kien dovut minnu, qed issib lill-imputat Biagio La Cognata hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------